MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2182/2003

**Papyrus Reprographic Services Limited
Vs
Casapinta Design Group Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-30 ta' Ottubru, 2003 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex is-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' Lm 724.68 (seba' mija u erba' u għoxrin lira Maltija u tmienja u sittin ċenteżmu) rappreżentanti prezz ta' xogħol ta' disinn fuq ordni tas-soċjeta' konvenuta.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Is-soċjeta' konvenuta tiġi ordnata tħallas is-somma ta' Lm 724.68 (seba' mija u erba' u għoxrin lira Maltija u tmienja u sittin ċenteżmu) rappreżentanti fil-prezz ta' xogħol ta' disinn li saret mis-soċjeta' attriċi fuq ordni tas-soċjeta' konvenuta u dan skond il-fattura ta' l-4 ta' Ottubru, 2002 hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.

Ra r-risposta tas-soċjeta’ konvenuta fejn ingħad illi:-

1. In linea preliminari, l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.
2. It-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.
3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ix-xogħolijiet illi s-soċjeta’ attriċi ġiet ikkuntrattata li tesegwixxi ma kienux tal-kwalita’ pattwita, kif ser jiġi ppruvat.
4. Illi in konsegwenza ta’ dawn ix-xogħolijiet ta’ kwalita’ inferjuri, is-soċjeta’ konvenuta nkorriet danni konsiderevoli fil-konfront ta’ terzi li għalihom kienu ntiżi x-xogħolijiet in kwistjoni, u għalhekk l-ammont reklamat mhux dovut.
5. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-soċjeta’ konvenuta qed teċċepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148A u 2149A.  L-artikolu 2148A hija preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar u l-artikolu 2149A hija preskrizzjoni ta' sentejn.

Jirriżulta mix-xhieda ta' Ruth Grixti illi x-xogħol kien ġie ordnat mis-soċjeta’ konvenuta għall-klient tagħhom fil-Libya u kien xogħol urġenti u kienu ġew infurmati li kien fih xi ħsara u l-klient tagħhom, għal min kien intiż ma kienx ġie aċċettah.  Di fatti kien sar xi skont biex ikun jista' jitħallas mis-soċjeta’ konvenuta.  Pero' minn dan kollu baqa’ ma tħallasx u bdew il-proċeduri odjerni.

Di fatti fit-tielet u r-raba’ eċċezzjoni tas-soċjeta’ konvenuta, dan jinsab konfermat billi ingħatat l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ kwalita’ patwita u kienu l-istess soċjeta’ attriċi li tirrikorri għad-danni minn terzi.

Insegwu x-xogħol supplit mis-soċjeta’ attriċi. Dina tikkonferma t-tezi tas-soċjeta’ attriċi illi fl-ewwel lok ix-xogħol kien intiz għas-soċjeta’ konvenuta biex jerġa’

jinbiegħ lil terza persuna. Kif ukoll ma kienx tal-kwalita' pattwita. Kien sar arranġament illi jkun hemm skont fuq l-istess xogħol. Una volta allura illi x-xogħol ma kienx intiż biex jinżamm mis-soċjeta' konvenuta, iżda biex jiġi nnegozjat ma' terza persuna allura l-perjodu preskrittiv mhux dak indikat mis-soċjeta' konvenuta iżda mill-artikoli 2156 tal-Kap 16 li jgħid fis-subinċiż F "l-azzjoni ta' ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjoni kummerċjali jew ħwejjeg oħra meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond din il-liġi jew liġijiet oħra taħt preskrizzjoni aqsar jew li ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."
Una volta illi s-soċjeta' konvenuta qed tagħmel negozju mill-materjal u xogħol provvist mis-soċjeta' attriċi, ir-relazzjoni tagħha ma taqax taħt l-artikoli invokati mill-ewwel eċċezzjoni iżda huwa applikabbli l-perjodu kwinkwennali.

Jiddeciedi t-Tribunal għalhekk billi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta, spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------